14 ta' Mejju, 1954.

Imħallfin :

Is-S.T.O. Sir L. A. Camilleri, Kt., LL.D., *President;*
L-Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, LL.D.
L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Antonio Borg ne. et. *versus* Guido Abela et.

**Azzjoni — Interess — Danni.**

*Biex wieħed ikun jista' jipproponi domanda f'ġudizzju, jew jikkontradiċiha, hu meħtieġ li jkollu interess ġuridiku, ċjoè utilità finali fid-domanda ġudizzjarja fuq it-tema ta' l-affermata eżistenza u vjolazzjoni tad-dritt, jekk dik l-utilità tiġi riferita għas-suġġett konvenut. Liema utilità finali ta' l-azzjoni tirrisjedi appuntu fil-preposizitu li jitneħħa l-istat ta' vjolazzjoni tad-dritt—almenu opinata u affermata mill-attur.*

*Dan l-istat ta' vjolazzjoni tad-dritt huwa fattur essenzjali ta' l-interess li wieħed ikollu li jaġixxi. u għalhekk hu loġiku illi l-interess, biex ikun leġittimu, għandu jkun attwali, u mhux bilfejjed*

*li jkun futur u incert. Irid ikun attwali u konkret, dipendenti minn fatt avvenut lesiv ta' dritt. U ma għandux jiġi konfuż il-kuncett ta' l-eventwalità tad-dritt ma' l-eventwalità ta' l-interess. Imma kulħadd għandu l-jedd għall-konservazzjoni ta' dritt, anki jekk dak id-dritt ikun kondizzjonali jew eventwali; u l-interess jista' jkun attwali, anki jekk id-dritt huwa eventwali u dipendenti minn event ieħor.*

*Fil-każ preżenti l-attur nomine kien għamel kawża kontra terza persuna biex jiġi kanonizzat kreditur ta' dik il-persuna f'somma rilevanti, u kien ikkawtela dik il-pretensjoni per mezz ta' mandat ta' impediment ta' safar ottenut kontra l-pretiż debitur. B'dan kollu, dak id-debitur siefer, u l-attur ippretenda li b'dak is-safar huwa sofra dannu konsistenti fit-telfa tal-possibilità li jitħallas tal-kreditu tiegħu minn għand dik il-persuna, u ppretenda wkoll illi dak id-debitur siefer bil-għajnuna tal-konvenut, u li għalhekk dan id-dannu ikkaġunahulu l-konvenut. Il-Qorti ta' l-Ewwel Istanza ddikjarat li l-attur ma kellux interess attwali li jagħmel il-kawża preżenti kontra l-konvenut, biex dan jiġi dikjarat responsabili tad-danni lejn l-attur, sakemm l-attur ma jkunx ġie dikjarat kreditur ta' dik il-persuna; imma l-Qorti ta' l-Appell żammet, għall-kuntrarju, li l-attur kellu dan l-interess attwali, u rrevokat is-sentenza ta' l-Ewwel Qorti.*

Il-Qorti, — Rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Qorti tal-Kummerċ tal-Maestà Tagħha r-Reġina, li bih l-atturi nomine, wara li ppremettew illi huma kienu istitwew kawża kontra Salvatore Piccitto, suddittu Taljan, waqt li kien f'Malta, għall-kundanna tiegħu għall-ħlas ta' £10,294. 11. 3 għar-raġunijiet dedotti f'dik il-kawża, li tinsab quddiem il-Qorti tal-Kummerċ tal-Maestà Tagħha r-Reġina, differita għall-udjenza tat-3 ta' Ottubru 1953, fl-ismijiet "Antonio Borg ne. et. vs. Salvatore Piccitto", u in kawtela tad-drittijiet tagħhom għall-ħlas ta' dak l-ammont huma kienu talbu u ottenew l-ispedizzjoni ta' mandat ta' impediment tal-partenza kontra l-istess Piccitto, li ġie debitament prorogat; u li l-konvenuti, li kienu jafu bil-premess, biex jgħinu l-imsemmi Piccitto b'dannu tagħhom (ta' l-atturi), ipprestaw l-opera tagħhom biex l-istess Piccitto jitlaq minn Malta klandestinament, kif il-konvenut Abela kien jimminaċċja li jsir kemm

il-darba huma ma jaċċettawx il-proposta ta' transazzjoni magħmula mill-istess Piccitto; u li b'dan il-mod huma, bl-għemil *tal-konvenuti, ġew tilfu l-kawtela li tagħtihom il-liġi* għall-ħlas ta' dak lilhom dovut mill-imsemmi Piccitto, u kwindi ma jistgħux iżjed jitħallsu ta' dak lilhom dovut; talbu illi l-istess konvenuti jiġu dikjarati solidalment responsabili tad-danni lejhom fl-istess ammont ta' £10,294. 11. 3, oltre l-ispejjeż kollha u ammonti oħra, inklużi l-interessi, konsegwenti għall-proċedura fuq riferita, u li għad jirriżultaw waqt is-smiegħ tal-kawża u kif jiġu likwidati; u l-istess konvenuti jiġu solidalment kundannati jħallsu lilhom in linea ta' danni l-ammont hekk likwidat. *Bl-ispejjeż, kompriżi* dawk tal-mandati ta' impediment tal-partenza, qbid u sekwestru, tat-28 ta' Awissu 1953;

*Omissis;*

Rat is-sentenza tad-19 ta' Jannar 1954, li biha dik il-Qorti akkoljiet l-eċċezzjoni ta' l-intempestività ta' l-azzjoni u lliberat lill-konvenuti "ab observantia", bl-ispejjeż; billi, bħala fatti, irriteniet;

Illi bejn l-atturi u l-imsemmi *Piccitto* hemm *pendenti* kawża quddiemha, fejn l-atturi talbu l-kundanna ta' Piccitto għall-ħlas tas-somma ta' £10,294. 11. 3. In kawtela tal-pretiż dritt tagħhom, li eżerċitaw f'dik il-kawża, l-atturi ottenew l-ispedizzjoni ta' mandat ta' impediment tal-partenza kontra Piccitto. It-terminu ta' dak il-mandat ġie dejjem regolarment prorogat skond il-liġi. Non ostante dak il-mandat, Piccitto siefer, u l-atturi jippretendu li siefer bl-għajnuna tal-konvenuti. L-atturi jaffermaw li bil-partenza ta' Piccitto minn dawn il-Gżejjer ġiet nieqsa l-imsemmija kawtela; u billi jippretendu wkoll li l-atturi għenu lil Piccitto biex ikun jista' jitlaq minn dawn il-Gżejjer fil-waqt li kienu jafu li kien hemm kontra tiegħu l-mandat fuq riferit, huma qegħdin iżommu lill-istess konvenuti responsabili għall-ħlas ta' l-istess somma ta' flus li fl-imsemmija kawża talbu minn għand Piccitto, ta' l-interessi relativi, u ta' l-ispejjeż; u f'din il-kawża qegħdin jitolbu minn għandhom, in linea ta' danni, il-ħlas ta' dawn l-ammonti;

U billi kkunsidrat, dwar l-eċċezzjoni ta' l-intempestività ta' l-azzjoni;

*Illi biex wieħed ikun jista' jipproponi domanda f'ġudizzju*, jew jikkontradiċiha, hu neċessarju li jkollu interess ġuridiku, ċjoè utilità finali tad-domanda ġudizzjali fuq it-tema ta' l-affermata eżistenza u vjolazzjoni tad-dritt — jekk dik l-utilità tiġi riferita għas-suġġett attur; u utilità finali ta' l-oppożizzjoni kontra dik id-domanda — jekk l-utilità tiġi riferita għas-suġġett konvenut. Għaldaqstant min irid jeżerċita dritt f'ġudizzju għandu jiġġustifika l-utilità — pekunjarja jew ta' natura oħra — li ġġiegħlu jaġixxi. Dina l-utilità finali ta' l-azzjoni ġudizzjarja tirrisjedi appuntu fil-propożitu li jitneħħa l-istat ta' vjolazzjoni tad-dritt — almenu opinata u affermata mill-attur;

Dan l-istat ta' vjolazzjoni tad-dritt huwa fattur essenzjali ta' l-interess li wieħed ikollu li jaġixxi. Ma hemmx bżonn li jiġi investigat jekk kienx hemm fil-fatt il-vjolazzjoni tad-dritt, imma biss jekk ġiex enunċjat stat ta' vjolazzjoni tad-dritt bħala motiv determinanti biex jiġi miġjub 'il quddiem f'ġudizzju. Jikkostitwixxi vjolazzjoni tad-dritt kull impediment, mhux leġittimu, kull kondizzjoni, pożitiva jew negativa, kuntrarja għall-istat u għall-mod ta' tgawdija ta' dak id-dritt li jmissu leġittimament lil min ikollu dak id-dritt;

Illi, jekk l-istat ta' vjolazzjoni tad-dritt huwa l-motiv li minnu jitnissel l-interess f'dak li jaġixxi, hu loġiku — u hekk ordinarjament jaffermaw id-dottrina u l-ġurisprudenza — illi l-interess, biex ikun leġittimu, għandu jkun attwali. U difatti, interess attwali ma jfisserx ħaġ'oħra ħlief vjolazzjoni tad-dritt; fi kliem ieħor, l-interess għandu joħroġ minn "stat ta' vjolazzjoni tad-dritt" attwalment eżistenti, fis-sens li ġa fuq ġiet spjegata n-nozzjoni tad-dritt. Xejn ma jimporta li d-dritt ikun pur u sempliċi jew kondizzjonat, attwali jew eventwali; imma l-istat ta' vjolazzjoni tad-dritt, l-interess, għandu jkun attwali, u ma jibbastax interess eventwali. Hawn wieħed għandu joqgħod attent biex ma jikkonfondix l-eventwalità tad-dritt ma' l-eventwalità ta' l-interess, kif spiss għamlu anki xi ġuristi insinji, bħal Cesareo-Consolo, u pronunċjati ta' l-awtorità ġudizzjarja estera, li vvjolaw u

kkonfondew l-eventwalità tad-dritt ma' dik ta' l-interess, u affermaw li, biex wieħed jaġixxi f'ġudizzju, mhux neċessarju l-interess attwali, imma jibbasta anki l-interess eventwali;

Dan l-insenjament hu manifestament kuntrarju għall-ħsieb tal-liġi; għaliex, biex l-attur jibda l-azzjoni, hemm bżonn bilfors li jkollu interess li jmexxi l-quddiem dik l-azzjoni, u dan l-interess għandu jeżisti fil-mument li jipproponi l-azzjoni, u għalhekk għandu jkun attwali, għalkemm jista' jkun jirriferixxi ruħu għal dritt purament eventwali;

Dan il-pont il-lum hu paċifiku. Mhux biżżejjed interess futur u inċert biex tiġi proposta domanda f'ġudizzju, imma hemm bżonn interess tali li jkun attwali u konkret, dipendenti minn fatt avvenut leżiv ta' dritt;

Illi fil-każ preżenti, kif jallegaw l-atturi, hemm stat ta' vjolazzjoni tad-dritt tagħhom li jikkawtelaw l-eżerċizzju taddritt li ddeduċew fil-kawża fuq riferita kontra Salvatore Piccitto, u kwindi jistgħu attwalment jeżerċitaw kull azzjoni riferibilment għal dak id-dritt tagħhom ta' kawtela, per eżempju għall-kontestazzjoni ta' fatt leżiv ta' dak id-dritt attribwit lill-konvenuti; imma ma jistax jingħad li hemm stat ta' vjolazzjoni ta' dak il-pretiż dritt ta' l-atturi, li jiddependi mill-eżitu tal-kawża fuq riferita. Dak l-istat ta' vjolazzjoni jikkonkreta ruħu jekk u meta dik il-kawża tiġi deċiża favur tagħhom, u kwindi l-interess ta' l-atturi huwa futur u inċert, u għaldaqshekk l-azzjoni tagħhom odjerna hija prematura. U del resto, hu anki loġiku li l-atturi ma jitolbux minn għand il-konvenuti, in linea ta' danni, l-ammont li jippretendu li hu lilhom dovut minn għand l-imsemmi Piccitto qabel id-definizzjoni, b'eżitu favorevoli għalihom, ta' l-imsemmija kawża fejn talbu dak l-ammont minn għand Piccitto. Huma jistgħu wkoll jiġu kanonizzati f'somma inferjuri, u jista' jagħti l-każ li ma jkollhom ebda dritt kontra Piccito fil-każ li dik il-kawża tispiċċa b'eżitu għal kollox sfavorevoli għalihom; f'liema każ lanqas ma jkun hemm l-utilità tad-dikjarazzjoni tar-responsabilità tal-konvenuti għad-danni, għaliex danni ma jkunx hemm;

U illi, kwantu għat-talba ta' l-atturi li tiġi dikjarata l-konnessjoni ta' din u-kawża ma' l-oħra fuq riferita kontra Piccitto, dik it-talba ma tistax tiġi milqugħa, għar-raġuni li bejn

iż-żewġ kawżi ma hemmx dik il-konnessjoni fis-sens li hu intiż mil-liġi (art. 396 u 403 Kodiċi tal-Proċedura Ċivili);

Rat fol. 31 in-nota ta' l-appell ta' l-atturi, u fol. 32 il-petizzjoni tagħhom, li biha talbu li tiġi revokata d-deċiżjoni fuq imsemmija, billi tiġi riġettata l-eċċezzjoni ta' l-intempestività ta' l-azzjoni, u jiġi ordnat konsegwentement ir-rinviju tal-proċess lill-Qorti tal-Prima Istanza biex jiġi trattat u deċiż il-meritu; bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

L-Ewwel Qorti akkoljiet l-eċċezzjoni ta' l-intempestività ta' l-azzjoni għaliex irriteniet li, fil-każ, kienet applikabili l-massima "point d'interét, point d'action":

Il-fatti, kif jingħad fl-istess petizzjoni, huma kif riepilogati mill-Ewwel Qorti fis-sentenza tagħha;

L-Ewwel Qorti kienet tal-fehma li l-interess ta' l-atturi hu futur u inċert, mhux attwali, u li għalhekk l-azzjoni hija prematura;

Issa, l-atturi fiċ-ċitazzjoni jallegaw, "inter alia", li l-konvenuti doložament għenu lil Piccitto biex jevadi l-kawtela tal-mandat ta' impediment ta' partenza, u li b'hekk il-konvenuti ppreġudikaw lill-atturi fil-pretensjonijiet tagħhom kontra Piccitto;

Issa, il-volazzjoni għad-dannu ta' l-atturi, hekk minnhom allegata, hi attwali, u, jekk pruvata, iġġib bħala konsegwenza rapport attwali dirett ta' responsabilità lejn l-atturi, in forza tal-fatt illeċitu preżiż kommess mill-konvenuti (App. "Sant Fournier vs. Ness", 18 ta' Frar 1952). L-atturi, kwindi, għandhom interess attwali li jitolbu deklaratorja ta' danni kontra l-konvenuti; għaliex kulħadd għandu l-jedd għall-konservazzjoni ta' dritt, anki jekk dak id-dritt ikun kondizzjonali jew eventwali. Hu sewwa dak li qalet l-Ewwel Qorti, li ma għandux jiġi konfuż il-konċett ta' l-eventwalità tad-dritt ma' l-eventwalità ta' l-interess; imma hawn, peress li l-vjolazzjoni bil-fatt illeċitu allegat hija attwali, u peress li dak il-fatt illeċitu hu attwalment produttiv ta' deklaratorja ta' respon-

sabilità għal danni, l-interess hu attwali, anki jekk id-dritt hu eventwali u dipendenti mir-riżultat ta' l-azzjoni ta' l-atturi kontra Piccitto;

Dan il-pont hu rilevat tajjeb mill-Mortara (Proc. Civ. Vol. II, pag. 470) fi bran ċitat b'approvazzjoni minn din il-Qorti, fis-sentenza tagħha "Demajo vs. Azzopardi", 23 ta' Frar 1942, Vol. XXXI—I—162, li jgħid hekk:— "In altre parole, l'interesse deve sorgere da uno stato di violazione del diritto attualmente esistente—esistente in quel largo senso in cui fu spiegata dinanzi la nozione di violazione del diritto. Quindi non importa che il diritto sia puro e semplice o condizionato, eventuale o attuale. Abbiamo sempre diritto alla conservazione di un diritto, puro e semplice, condizionato, eventuale o attuale. Perciò se vengono meno per altrui impedimento le condizioni di tale conservazione, avremo proporzionatamente interesse ad agire per la loro reintegrazione, che è essa stessa un nostro diritto;

L-istess il-Galdi (Comm. Cod. Proc. Ital., Vol. I, p. 58) jgħid li "un diritto subordinato a qualche condizione crea tuttavia un interesse attuale a conservarlo illeso........" U d-Dalloz, Rep. voce "Action", jgħid li anki l-minaċċja ta' dannu eventwali (id-dannu eventwali ta' l-atturi jekk jirriżultaw kredituri ta' Piccitto u jirriżulta li, minħabba fl-agir tal-konvenuti, huma tilfu l-ħlas tal-kreditu) tista' tkun il-bażi leġittima ta' azzjoni, għaliex il-periklu ta' dik il-ħsara hu torħattiva attwali;

Il-konsiderazzjoni li l-atturi jistgħu eventwalment ma jirriżultawx kredituri ta' Piccitto ma hijiex importanti; mhux biss għaliex dik il-konsiderazzjoni hi faċilment ritorċibili bil-possibilità kuntrarja, imma anki għaliex, kif ġie ritenut fil-kawża P.A. "Fava vs. Vella", 19 ta' Frar 1935, Vol. XXIX—II—340, f'kawża għad-danni hemm żewġ stadji—"an et quantum"; ċjoè d-dikjarazzjoni ta' responsabilità, u, f'każ ta' affermazzjoni ta' dik ir-responsabilità, l-aċċertament ta' l-eżistenza u tal-miżura tad-danni. Kif esprimiet ruħha l-Kassazzjoni ta' Firenze, ċitata f'dik is-sentenza, "la declaratoria ge-

nerica dei danni non costituisce cosa giudicata sull'esistenza, *quantità e qualità dei danni*";

Veru hu li l-atturi talbu li l-konvenuti jiġu dikjarati responsabili għall-ammont kollu minnhom pretiż minn għand Piccitto u spejjeż oħra, imma l-Qorti tista' dejjem tillimita ruħha, "per equipollens", fit-termini ta' din id-domanda, *għad-deċiżjoni tal-kwistjoni tar-responsabilità jew le, salv imbagħad* li jiġi aċċertat jekk kienx hemm danni, u, f'każ affermativ, x'inhu l-ammont tagħhom;

Il-konvenuti ċċitaw is-sentenza "Ballucci vs. Vella Gera nomine", 12 ta' Marzu 1946, *Vol. XXXII—II—257*. *Imma* l-każ kien "toto caelo" divers, u si trattava biss tar-riaffermazzjoni tal-prinċipju konoxxut li l-Qorti ma hix qiegħda biex tagħti responsi merament akkademiċi;

Għal dawn il-motivi;

*Tiddeċidi billi tilqa'* l-appell ta' l-atturi, tirrevoka s-sentenza fuq imsemmija, tirrespinġi l-eċċezzjoni ta' l-intempestività ta' l-azzjoni minħabba karenza ta' interess, u tordna li l-proċess jiġi rinvijat lill-Ewwel Qorti;

L-ispejjeż taż-żewġ istanzi jitħallsu mill-konvenuti *appellati*.